KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 60

L-EWWEL LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60

It-Tnejn 24 ta' Awwissu, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI

Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Francesca Attard – Viċi Sindku Għargħur

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, u mis-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, sabiex jinfurmawna li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

60.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 59 li nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

60.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

60.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa mal-Ministru tal-Gvern Lokali u Xogħolijiet Pubblici*

60.3.1 Il-President għamel referenza għal din il-laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 4 t'Awwissu 2026 fl-uffiċċju tar-Reġjun u spjega kif għal din il-laqgħa kien hemm il-Ministru Alison Zerafa Civelli kif ukoll is-Segretarju Permanenti, is-Sur Emil Vassallo. Hu qal kif preżenti wkoll kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma uħud mis-Sindki u rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

60.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif matul din il-laqgħa kien hemm diskussjoni tajba u dwar il-problemi li jiġu affetwati lir-Reġjun. Hu qal ukoll kif dawk il-membri li kienu preżenti xorta waħda kellhom l-opportunità li jressqu l-punti tagħhom pero d-diskussjoni pruvat tinżamm fuq il-problemi Reġjonali u mhux individwali tal-Kunsilli Lokali.

60.3.3 Hu rringrazzja mill-ġdid lil dawk li kienu preżenti għal din il-laqgħa u qal li wieħed jifhem in-nuqqas ta' dawk li ma setgħux ikunu preżenti minħabba impenji oħra.

- *GRECO*

60.3.4 Il-President informa kif nhar it-Tlieta 11 t'Awwissu 2026 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu mistidnin għall-laqgħa msejħa mis-Segretarju Permanenti, is-Sur Emil Vassallo, fil-preżenza tad-Direttur Chris Galea, u l-Assisstent Direttur Ġenerali, Kurt Scerri.

60.3.5 Hu qal kif f'din il-laqgħa kienu ġew nfurmata li d-Diviżjoni ġie mgħażul biex isir awditjar fuq il-korruzzjoni – GRECO - Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) ġie stabbilit fl-1999 mill-Kunsill tal-Ewropa biex jimmonitorja l-konformità tal-Istati mal-istandards kontra l-korruzzjoni tal-organizzazzjoni.

60.3.6 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan l-awditjar għandu jsir wieħed f'Kunsill u ieħor f'Reġjun u kif bħala Kunsill Lokali kien ġie magħżul il-Kunsill Lokali tal-Belt, u bħala Reġjun kien ġie magħżul dan ir-Reġjun.

60.3.7 Hu qal ukoll kif dan l-Awditjar huwa ppjanat li jinżamm f'April 2027 u għal din ir-raġuni bdew il-preparamenti meħtieġa, fosthom li jimtela kwestjonarju twil.

60.3.8 *17:07pm – il-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.*

60.3.9 Inżammet diskussjoni qasira dwar dan bejn il-membri preżenti.

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart*

60.3.10 B'referenza għal dan il-President informa kif ma kien hemm l-ebda żvilupp x'jiġi rrappurtat mill-aħħar laqgħa u kif il-kuntratt li kien ġie ippreparat bi qbil bejn l-avukati kien għadu ma ġiex iffurmat mill-kuntrattur.

60.3.11 Hu żied jgħid ukoll li l-unika aġġornament li kien hemm kien li l-Kuntrattur qed jirrifjuta li jiġbor skart minn toroq ġodda u blokkok t'appartamenti ġodda. Saħansitra kienet għadha kif waslet komunikazzjoni mingħand il-Kuntrattur ftit minuti qabel bdiet din il-laqgħa tar-Reġjun fejn din il-kumpanija speċikat li il-boroż taż-żibel li qed jinħareġ mid-dar fi Triq ġdida fl-Imsida qed jinġabar taħt protesta.

60.3.11 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Salvaggi, staqsa jekk kienx qed isiru preparamenti fuq is-sejħa l-ġdida.

60.3.12 Il-President qal dan ir-Reġjun flimkien ma' l-AKL qed jinżammu laqgħat dwar dan u kif kienet inżammet it-tielet laqgħa nhar it-Tnejn 10 t'Awwissu 2026.

60.3.13 Is-Sur Selvaggi qal kif hemm bżonn li ċertu żbalji li nħarġu mill-ewwel kuntratt jiġu evalwati sew biex dawn ma jerġgħux jiġu ripetuti.

60.3.14 Is-Sur Chircop qabel perfettament ma dan il-punt pero fakkar ukoll kif qabel ma kien ġiet ippublikat dan it-*tender,* ir-Reġjuni kienu għamlu diversi laqgħat u ressqu diversi punti li kienu ġa previsti umbad ma kienux ġew ikkunsidrata fis-sejħa li kienet ġiet maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Hu fakkar ukoll kif id-dokument finali ma jaqax fir-responsabilità tar-Reġjuni imma mill-Ministeru ikkonċernat.

60.3.15 Is-Sur Chircop qal kif għal dawn il-laqgħat msejħa mill-AKL kienu anke ġew mistiedna rappreżentanza mid-Diviżjoni jew mill-Ministeru pero fl-ebda laqgħa ma kien hemm rappreżentanza peress li huma qed jifformulaw xi ħaġa dwar dan ukoll.

60.3.16 Kien hemm qbil sabiex sal-laqgħa li jmiss jiġi ppreparat rapport bil-kummenti kollha li l-Waste Coordinator Manager, Ryan Zammit, kien ġabar mill-laqgħat li nżammu ma kull Kunsill Lokali u jiġi ppreżentat fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss. Dan ir-rapport ser umbad jiġi ppreżentat mis-Sur Zammit biex il-membri jkunu aċċertati li l-punti kollha jkunu ġew imressqa f'isem dan ir-Reġjun.

60.3.17 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif l-għada tal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss, hemm skedata l-laqgħa li jmiss ma' l-AKL u fiha dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat.

60.3.18 *17:23pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

60.3.19 Il-President informa wkoll dwar komunikazzjoni li għaddejja bejn ir-Reġjun mad- Diviżjoni għal-Gvern Lokali dwar ammonti kbar li r-Reġjun għad m'għandux direzzjoni ċara jekk dawn hux ser jingħataw mid-Diviżjoni jew inkella hux ser jiġu assorbiti mill-allokazzjoni tar-Reġjun.

60.3.20 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat din il-komunikazzjoni lill-membri tar-Reġjun biex jinżammu aġġornata dwar dan.

- *ReFab Lightblue Partnership*

60.3.21 Il-President informa kif fuq talba mingħand din il-kumpanija, dan ir-Reġjun kien iltaqà ma' rappreżentanti minn din il-kumpanija nhar il-Ħamis 13 t'Awwissu 2026.

60.3.22 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa hu kien ġie infurmat li l-għada stess li r-Reġjun kien laqà din it-talba għall-laqgħa, din il-kumpanija reġgħet tat l-aċċess ta' dawn il-kaxxex.

60.3.23 Is-Sur Chircop qal ukoll kif il-problema ta' din il-kumpanija qed tgħid kemm ir-rimi żdied u bhekk qed jitolbu li jkollhom aktar kaxxex.

- *Proġett b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Reġjonali Nofsinhar*

60.3.24 Il-President informa kif dan ir-Reġjun kien ġie avviċinat mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar sabiex isir proġett fejn ikun hemm sensiela ta' *quizzes* fl-iskejjel taż-żewġ Reġjuni. Hu spjega kif dawn il-mistoqsijiet ser ikunu dwar iż-żewġ Reġjuni.

60.3.25 Is-Sur Chircop spjega kif ir-Reġjun Nofsinhar kien implimenta dan il-proġett is-sena li għaddiet permezz ta' fondi li kien ingħata mill-Kunsill Malti għall-Arti u xtaq li din id-darba dan il-proġett jiġi estiż għal Reġjun ieħor.

60.3.26 Kien hemm qbil bejn il-membri fuq il-kunċett ta' dan il-proġett peress li hu wieħed edukattiv. Madanakollu r-Reġjun jixtieq jara l-kontribut finanzjarju qabel ma jikkometti.

- *Laqgħa mal-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir*

60.3.27 Il-President informa kif fuq talba minn dan ir-Reġjun, nhar it-Tnejn 10 t'Awwissu 2026 kienet inżammet din il-laqgħa ma' l-Onor. Miriam Dalli, fil-preżenza ta' rappreżentant minn Project Green.

60.3.28 Hu qal kif f'din il-laqgħa ġew ippreżentati l-pjanti li kienu ppreparaw il-periti mqabda mir-Reġjun għas-sit ta' Manoel Island u White Rocks, kif ukoll ġew ippreżentati l-proġetti li qed isiru fuq il-widien u anke l-kollaborazzjoni li r-Reġjun kellu ma' l-istudenti ta' l-Università ta' Malta.

60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

60.4.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mingħand il-membri tar-Reġjun.

60.5 Rapporti

60.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa.

60.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- ***EI4IMPACT***

60.6.1 B'referenza għal din il-proposta, il-President informa kif dan il-finanzjament ma kienx ġie magħżul minħabba li s-sejħa kienet waħda kompetittiva ħanfa kif ukoll minħabba r-riżorsi tal-baġit. Hu qal ukoll kif il-punteġġ kien wieħed tajjeb u din tistà tkun xi ħaġa li nibnu fuqha f'sejħa oħra.

- ***EcoMedHub IT-MT***

60.6.2 B'referenza għal din il-proġett, il-President informa kif dan kien ġie rifjutat minħabba li sabu oġġezzjoni bin-nuqqas ta' korp ekwivalenti għas-SRR Sqalli li ma jeżistix fil-liġi ta' Malta. Hu spjega kif għal din ir-raġuni, il-*Lead Partner* fuq dan il-proġett issottometta oġġezzjoni uffiċċjali skont l-Art. 15. Aġġornament dwar dan jingħata ġaladarba jkun hemm żvilupp ġdid.

- ***Laqgħa dwar il-Proċess ta' Devoluzzjoni***

60.6.3 Il-President informa kif fuq suġġeriment tad-Direttur ta' l-Istrategija u Implimentazzjoni tal-Policy, is-Sa Marisa Pisani, qed tiġi kkoordinata laqgħa ta' tagħrif fuq il-proċess li jinvolvi meta Kunsill Lokali jkun irid jgħamel devoluzzjoni.

60.6.4 Is-Sur Chircop qal kif din il-laqgħa se tinżamm nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru 2026 bejn l-10 u nofsinhar l-Urban Valley Resort and Spa, San Ġwann.

- ***Superintendence of Cultural Heritage***

60.6.5 Il-President informa kif dan ir-Reġjun kien ġie avviċinat minn dan id-Dipartiment sabiex tinżamm laqgħa ta' informazzjoni nhar il-Ġimgħa 9 t'Ottubru 2026, bejn is-18:30 u t-20:30. F'Diċembru 2025 kienet niedet pubblikazzjoni biex tiċċelebra l-ewwel 20 sena ta' attività tagħha. Il-pubblikazzjoni tippreżenta l-iskoperti arkeoloġiċi aktar importanti li saru fil-Gżejjer Maltin fl-aħħar 20 sena, u ġġib fid-dawl siti u artefatti affaxxinanti li jarrikkixxu aktar l-għarfien u l-apprezzament tagħna tal-wirt tagħna.

60.6.6 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif bħala parti mill-programm ta' sensibilizzazzjoni tagħha fir-rigward ta' din il-pubblikazzjoni, is-Superintendence qed tilħaq lill-komunità u bdiet sensiela ta' *lectures* pubbliċi f'kull wieħed mis-sitt reġjuni ta' Malta. Matul il-lecture li jmiss, se jitkelmu dwar skoperti reċenti li saru

fir-Reġjun tal-Lvant u ser ikun hemm firxa żgħira ta' artefatti għall-wiri. Din se tkun bla ħlas u għal din ir-raġuni huwa talab lill-membri sabiex jieħdu ħsieb iħajru lin-nies jattendu.

- *Regional Sports Day 2026*

60.6.7 Il-President informa li hekk kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet lill-organizzaturi jekk id-data tistax tinbidel minħabba li kienet waslet stedina għal żjara f'Ruma lil Papa lill-President u Sindki kollha ta' Malta u Għawdex. Madanakollu, is-Sur Chircop informa kif il-faċilità mhux ser tkun disponibbli. L-unika żewġ ġranet li huma available huma f'Novembru 2026 b'sogra tat-temp li jaf iħassar kollox.

60.6.8 Wara diskussjoni dwar din bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex id-data tibqa dik tal-Ħamis 22 t'Ottubru 2026 u ħeġġeġ lill-membri sabiex jaraw li mill-inqas il-Kunsillier bid-dekasteru ta' l-isports ikun preżenti għal din l-attività.

- *Aġġornament fuq il-Kwotazzjonijiet Ippublikati fuq l-EPPs*

60.6.9 Il-President ressaq fuq il-mejda żewġ rapporti ta' l-evalwazzjoni għall-kwotazzjonijiet li kienu saru fuq is-sistema ta' l-EPPs wara li dawn kienu approvati mill-bord. Liema rapporti kienu ġew iċċirkulati lill-membri qabel din il-laqgħa.

60.6.10 Il-membri preżenti approvaw ir-rapporti għas-sejħa ta' *Design, Publishing* u *Marketing* għall-Kunsill Reġjonali Lvant kif ukoll għas-sejħa ta' servizz ta' *Script Writer* u *Copy Editor* għall-Kunsill Reġjonali Lvant.

60.6.11 Għal din ir-raġuni l-proċess ser jitkompla biex jekk ma jkunx hemm appel, il-kuntratturi magħżula jiffirmaw il-kuntratt u jibdew il-laqgħat neċessarji sabiex jiġi ppublikat il-ktieb fuq il-*VR Tours.*

- *Science in the City 2026*

60.6.12 Il-President informa kif dan ir-Reġjun se jkun qed jerġa jieħu sehem din is-sena b'virtualmalta.com. Il-festival se jsir fil-25 u s-26 ta' Settembru u l-attendenza għalih hija bla ħlas.

60.6.13 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif bħalissa qed jinġabru l-kwotazzjonijiet neċċessarji għall-*backdrop* u għall-assistenti waqt din l-attività u fakkar li dan ir-Reġjun se jkollu installazzjoni ta' ċinema VR.

- *Inawgurazzjoni tal-isfera armillari*

60.3.14 Il-President fakkar lill-membri preżenti f'din l-inawgurazzjoni li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa li ġej fix-xatt tal-Gżira, fis-7 ta filgħaxija, u kif għal din ir-raġuni jkun ferm apprezzat l-attendenza tal-membri kif ukoll tal-Kunsilliera.

60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

60.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

60.7.2 Il-President informa kif fl-iskeda ta' pagamenti l-pagament tal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart ser jinħareġ sħieħ.

60.7.3 Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti.

60.7.4 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 57A u 57B.

60.7.5 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com*

60.8 Mozzjonijiet

60.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

60.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 24 ta' Settembru, 2026.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv